MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2014

Numru. 30/2013

Il-**Pulizija**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**Vs**

**CAROLINE CAMILLERI**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata **Caroline Camilleri,** ta' 32 sena bint Anthony u Alfrida nee' Caruana, imwielda Pieta, Malta, fl-4 ta' Lulju 1980 u toqgħod f'Binja tal-Faqqani, Ent C Flat 6, Triq Inez Soler, Santa Lucija detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 320180(M) giet akkuzata talli :

F'xi ġranet bejn Mejju 2012 u Awwisu 2012, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnek li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula d'riżoluzzjoni waħda;

1) Iffalsifikajt jew biddilt mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott tal-industrija, jew xjentement għamilt użu ta' dawn l-ismijiet, marki, jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunses tas-sid;

2) xjentement għamilt użu ta' marka, sinjali, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħhejt merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema;

3) xjentement qiegħedt fiċ-ċirkolazzjoni, biegħhejt jew żammejt għandek għall-bejgħ jew importajt għal ħsieb ta' kummerċ merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbħin b'qerq.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-verbal tas-seduta ta` llum stess 24 ta` Frar 2014 fejn l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputata ma hijiex sostenibbli mill-investigazzjoni u r-rizultanzi ta` l-istess ;

Rat li, fl-udjenza ta' llum 24 ta' Frar 2014, wara l-verbal tal-ufficjal prosekutur, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata ghat-(2) u t-(3) imputazzjoni migjuba, u dana anki wara li inghatat iz-zmien skond il-Ligi sabiex tirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur u ta` l-Avukat Difensur.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputata irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet (2) u (3) migjuba kontra taghha, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputata, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha fil-paragrafi (2) u (3) jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjaraha hatja taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor, u li rrizultaw sodisfacentement quddiem din il-Qorti, li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. L-imputata kienet impjegata f’hanut minn fejn jinbiegh *costume jewellery* gewwa l-Fgura. Fuq struzzjonijiet ta` min kien jimpjegaha, hija telghet madwar tlett darbiet gewwa Sqallija biex tixtri xi xoghol u mbaghad tbieghu mill-hanut imsemmi. Id-decizjoni ta` x’jinxtara kienet tkun ta` l-imputata. Hija kienet xtraq xi tlett icpiepet minghand grossist ciniz hdejn il-monti ta` Catania. Nhar l-14 ta` Awwissu 2012, wara tfittxija li saret fil-hanut, instabu zewgt icpiepet, peress illi wahda minnhom kienet lehqet inbieghet. Irrizulta fl-investigazzjoni li c-cpiepet imsemmija ma kienux originali *Tresor Paris.* L-imputata tghid li hi ma kienetx taf li ma setghetx tixtri u tbiegh dawn l-oggetti.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali nettissima ta` l-imputata;
b. il-fatt li dan il-kaz kien jirrigwarda tlett icpiepet biss;
c. l-ammissjoni bikrija ta` Caroline Camilleri li, ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f’dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha

piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza;

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru ta` Caroline Camilleri, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 18 u 298(1)(a)(c)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Catherine Caruana mhux hatja ta` l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberaha skond il-ligi; issibha pero` hatja tat-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra taghha u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Caroline Camilleri bil-kondizzjoni li ma taghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tmintax-il xahar (18) mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Caroline Camilleri fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk hija taghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------